

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Kulleġġ

(2015/C 409/06)

INTRODUZZJONI

1. Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem "il-Kulleġġ", magħruf ukoll bħala s-"CEPOL"), li jinsab f'Budapest, ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/820/JHA, imħassra u sostitwita fl-2005 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Kulleġġ huwa li jaħdem bħala netwerk u jiġbor flimkien l-istituti nazzjonali ta' taħriġ tal-pulizija fl-Istati Membri biex jipprovdni sessjonijiet ta' taħriġ, ibbażati fuq standards komuni, għall-uffiċjali għolja tal-pulizija⁽²⁾. L-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni nħatar bħala uffiċjal tal-kontabbiltà tas-CEPOL mill-1 ta' April 2014.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Kulleġġ. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Kulleġġ u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi⁽⁵⁾:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Kulleġġ jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽⁶⁾; it-tnejn ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Il-Kulleġġ iddelega dawn ir-responsabbiltajiet lill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni permezz ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Kulleġġ wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni jkun hejjehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kulleġġ fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

⁽¹⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Kulleġġ. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula, jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-ewalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tħejjija ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Kulleġġ kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE ⁽⁸⁾.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Ir-rata ta' kanċellazzjoni għall-appropriazzjonijiet impenjati riportati mill-2013 kienet għolja flivell ta' EUR 129 828 (15 %), prinċipalment minħabba l-kanċellazzjoni tal-proġett Matrix (EUR 15 090) u l-ispejjeż aktar baxxi milli stmat li għandhom jiġu rimborżati taħt il-ftehimiet ta' għotja 2013 (EUR 57 285). Il-proġett Matrix ġie kkanċellat matul il-fażi inizjali peress li ma kienx jissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali. Dan seta' ġie evitat li kieku kien hemm analiżi xierqa tal-utenti mill-Kulleġġ. L-istima eċċessiva tal-ispejjeż għall-għotjiet tindika l-ħtieġa għall-kisba ta' informazzjoni aktar preċiża mill-benefiċjarji tal-Kulleġġ.

12. Il-livell ta' appropriazzjonijiet impenjati riportati kien għoli għat-Title II (nefqa amministrattiva) flivell ta' EUR 383 940, jiġifieri 59 % (2013: EUR 145 414, jiġifieri 30 %). Dan irriżulta, fil-parti l-kbira, mill-volum għoli ta' għamara u tagħmir tal-IT, u mill-manutenzjoni meħtieġa, għall-uffiċċji l-ġodda tal-Kulleġġ, ordnati iżda li għadhom ma twasslux u/jew ma tħallsux fl-aħħar tliet xhur tal-2014 (il-kulleġġ ikkompleta ċ-ċaqliq tiegħu għal Budapest f'Ottubru 2014).

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Annex I.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Dan ir-Rapport għe adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/Pendenti/M/A)
2011	Il-livell għoli ta' trasferimenti baġitarji jindika dgħufijiet fl-ippjanar tal-baġit u jmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni.	Ikkompletata
2011	Il-Kulleġġ jinsab fi Bramshill, u juża l-uffiċċji tal-Aġenzija Nazzjonali għat-Titjib ta' Ħidmet il-Pulizija (NPIA) tar-Renju Unit. L-NPIA se tagħlaq fi tmiem l-2012 u mhuwiex ċar sa meta l-Kulleġġ jista' jkompli juża l-uffiċċji attwali tiegħu.	Ikkompletata
2012	Mill-appropriazzjonijiet impenjati riportati mill-2011 li jammontaw għal EUR 1,7 miljun, EUR 0,7 miljun (41,2 %) ġew ikkanċellati fl-2012. Dan kien prinċipalment dovut għal spejjeż aktar baxxi milli stimat li għandhom jiġu rimborżati taħt il-ftehimiet ta' għotja 2011 (EUR 0,44 miljun jew 62 % tar-riporti kkanċellati).	Għadha għaddejja
2012	Fl-2012, il-Kulleġġ għamel 37 trasferiment baġitarju li ammontaw għal EUR 1 miljun, li minnhom 36 fi ħdan it-titoli rispettivi tagħhom.	Ikkompletata
2012	Diskussjonijiet dwar il-futur tal-Kulleġġ li ilhom għaddejjin għal bosta snin ħolqu sitwazzjoni ta' inċertezza li qed tkompli tfixkel l-ippjanar u l-implimentazzjoni tan-negozju.	Ikkompletata
2013	Mill-appropriazzjonijiet impenjati riportati mill-2012 li jammontaw għal EUR 1,7 miljun, EUR 0,3 miljun (17,6 %) ġew ikkanċellati fl-2013. Dan kien prinċipalment dovut għal spejjeż aktar baxxi milli stimat li għandhom jiġu rimborżati taħt il-ftehimiet ta' għotja 2012 (EUR 0,21 miljun jew 70 % tar-riporti kkanċellati), li jindika l-ħtieġa li tinkiseb informazzjoni aktar preċiża mill-benefiċjarji fi tmiem is-sena dwar l-ispiża li fil-fatt tkun iġġarrbet.	Għadha għaddejja
2013	Il-livell ta' appropriazzjonijiet impenjati fl-2013 għat-titoli differenti kien ivarja bejn 92 % u 95 %, li jindika li l-impenji legali twettqu f'waqthom. Il-livell ta' appropriazzjonijiet impenjati riportati għall-2014 kien għoli għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) flivell ta' EUR 145 410 (30,5 %), iżda dan irriżulta prinċipalment minn avvenimenti lil hinn mill-kontroll tal-Kulleġġ, bħal pagamenti dovuti fl-2014 għal servizzi u prodotti ordnati u riċevuti kif ippjanat fl-2013.	M/A

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2013	Il-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Kulleġġ għadhom mhumiex trasparenti għalkollox. Il-gwida lill-membri tal-bordijiet tal-għażla dwar il-valutazzjoni konsistenti tal-kriterji tal-għażla ma kinitx ċara biżżejjed; ir-rekwiżiti stabbiliti fir-rigward tal-esperjenza professjonali ma kinix dejjem konformi mar-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Kulleġġ u d-dokumentazzjoni tar-reklutaġġ kienet inkompleta.	Għadha għaddejja (linji gwida stabbiliti iżda mhux dettaljati biżżejjed)

ANNEX II

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Budapest)

Kompetenzi u attivitajiet

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat (L-Artikolu 87 TFUE)</p>	<p>Approssimazzjoni ta' liġijiet</p> <p>“1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inkluża l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi speċjalizzati fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.</p> <p>2. Għall-finijiet tal-1 paragrafu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu miżuri dwar:</p> <p>[...]</p> <p>(b) l-appoġġ għat-taħriġ tal-persunal, kif ukoll il-kooperazzjoni dwar l-iskambju tal-persunal, dwar tagħmir u dwar ir-riċerka fil-kxif tal-kriminalità;”</p> <p>[...]</p>
<p>Kompetenzi tal-Kulleġġ (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Il-mira tas-CEPOL għandha tkun li jgħin fit-taħriġ tal-uffiċjali għolja tal-pulizija fl-Istati Membri billi joħroġ l-aħjar mill-kooperazzjoni bejn id-diversi istituti komponenti tas-CEPOL. Dan għandu jappoġġa u jiżviluppa approċċ Ewropew għall-problemi prinċipali li qed jaffaċċjaw l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ż-żamma tal-liġi u l-ordni u tas-sigurtà pubblika, b'mod partikolari d-dimensjonijiet transkonfinali ta' dawk il-problemi.</p> <p>Kompiti</p> <p>— Li jżid l-għarfien tas-sistemi u l-istrutturi nazzjonali tal-pulizija ta' Stati Membri oħra u tal-kooperazzjoni transkonfinali tal-pulizija fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>— Li jtejjeb l-għarfien tal-istrumenti internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fis-setturi li ġejjin:</p> <p>(a) l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-mod kif jaħdmu u r-rwol tagħhom, kif ukoll il-mekkaniżmi għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti legali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward l-implikazzjonijiet tagħhom għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi;</p> <p>(b) l-objettivi tal-Europol, l-istruttura u l-mod kif taħdem, kif ukoll il-possibiltajiet li titkabbar kemm jista' jkun il-kooperazzjoni bejn l-Europol u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi rilevanti fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;</p> <p>(c) l-objettivi tal-Eurojust, l-istruttura u l-mod kif taħdem.</p> <p>— Li jipprovdi taħriġ xieraq fir-rigward tar-rispett għas-salvagwardji demokratiċi, b'referenza partikolari għad-drittijiet ta' difiża.</p>
<p>Governanza</p>	<p>Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Delegazzjoni waħda minn kull Stat Membru.</p> <p>Kull delegazzjoni għandu jkollha vot wieħed. Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Europol għandhom jiġu mistiedna jattendu għal-laqgħat bħala osservaturi li ma għandhomx vot.</p>

	<p>Direttur</p> <p>Imexxi l-Kulleġġ, huwa maħtur u jista' jitneħħa mill-Bord ta' Tmexxija.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorit� ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p>Riżorsi disponibbli għall-Kulleġġ fl-2014 (2013)</p>	<p>Baġit</p> <p>EUR 8,8 (8,4) miljun</p> <p>Persunal</p> <p>It-Tabella tal-Persunal għall-2014 ipprevediet 27 (28) post għal Persunal Temporanju.</p> <p>Barra minn hekk: kien hemm baġit għal 10 (10) postijiet għal Persunal Kuntrattwali.</p> <p>L-Istati Membri ssekondaw ukoll total ta': 5,5 (5) Esperti Nazzjonali matul is-sena.</p>
<p>Prodotti u servizzi fl-2014 (2013)</p>	<p>Korsijiet, Seminars u Konferenzi</p> <p>Il-Kulleġġ implimenta total ta' 71 (72) attivit� residenzjali (korsijiet, seminars u konferenzi). Il-valutazzjoni tal-ewalwazzjoni tal-attivitajiet turi li s-sodisfazzjoni ġenerali għall-attivitajiet tal-Kulleġġ u l-eżiti ta' tagħlim tiegħu baqa' eċċellenti flivell ta' 94 % (94 %).</p> <p>Is-CEPOL ġabar flimkien 2 098 (2 251) parteċipant fl-infurzar tal-liġi, li jaq�zu l-miri ppjanati, u 710 (707) ħarrieġ minn 34 (42) pajjiż (Stati Membri tal-UE u Pajjiżi Terzi) u 24 (21) korp tal-UE u internazzjonali.</p> <p>Ir-rata ta' attendenza (attendenza meta mqabbla ma' siġġijiet disponibbli) baq�għet għolja: 108 % (116 %) li turi domanda eċċezzjonali għat-taħriġ tas-CEPOL. Il-Kulleġġ stess organizza 11 (19)-il attivit� biex jappo�ga lin-netwerk u beda proċess ta' applikazzjoni relatat mal-Ftehim ta' Għotja għall-2014. Sitt korsijiet addizzjonali żdiehu mal-lista ta' attivitajiet mill-Bord ta' Tmexxija f'Novembru. Dawn il-korsijiet se jiġu implimentati sa nofs Frar 2015 u se jingħaddu u jiġu rrapportati fl-istatistika 2015.</p> <p>Relazzjonijiet Esterni</p> <p>Fl-2014, is-CEPOL kompli bil-kooperazzjoni tiegħu li qed taġti rizzultati tajbin ħafna, mal-pajjiżi Kandidati, Kandidati Potenzjali u tal-PEV/tas-SL kif ukoll mas-Sħab Strateġiċi, l-aġenziji tal-ĠAI u l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.</p> <p>Fl-2014, is-CEPOL ikkonkluda n-negozjati għal żewġ arranġamenti tax-xoġhol, wieħed mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u wieħed mal-Bożnija-Herzegovina. Dan tal-aħħar ġie ffirmat f'Diċembru 2014, filwaqt li ta' qabel qed jistenna l-iskambju tal-ittri.</p>

Is-CEPOL żviluppa matriċi ta' taħriġ li ttiprovdi s-sitwazzjoni attwali għall-attivitajiet ta' taħriġ imwassa min-netwerk tal-aġenziji tal-ĠAI. Dan sar bil-ħsieb li tittejjeb il-koordinazzjoni u s-sinerġiji possibbli, f'konformità mal-Iskema ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi (LETS).

Fl-2014, is-CEPOL appoġġa seba' proġetti għall-bini ta' kapaċità implimentati mill-Istati Membri tal-UE jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali; dawn varjaw minn metodoloġiji ta' taħlim elettroniku permezz ta' taħriġ kontra l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal għal immaniġġjar ċivili ta' kriżijiet u suġġetti importanti oħrajn dwar l-attivitajiet tal-pulizija.

Żvilupp tal-Manwali tat-Taħriġ u Kurrikuli (Komuni)

Fl-2014 żewġ Kurrikuli Komuni (CC) ġew aġġornati, fejn wieħed minnhom (Ħasil tal-Flus) ġie adottat f'Awwiisu 2014 flimkien ma' tlieta li kienu diġà ġew aġġornati fl-2013 (Ġlieda kontra t-Terroriżmu, Traffikar ta' Droga u Eurojust). L-ieħor, Traffikar tal-Bnedmin (THB), ġie ffinalizzat fi tmiem Ottubru u ġie ppreżentat lill-Bord ta' Tmexxija għal proċedura bil-miktub li għandha tiġi adottata f'Jannar 2015. Sa tmiem l-2014, b'kolloxx kien hemm 9 CCs tas-CEPOL adottati.

Taqsimha ġdida infetħet fis-Sistema tal-Immaniġġjar tat-Taħlim (LMS) għall-Kurrikuli Komuni taħt l-Appoġġ għall-Edukaturi. Din hija maħsuba li ssir sors ta' input u materjali ta' taħriġ dwar suġġetti CC. Is-sitt Kurrikuli Komuni li ġejjin ittellgħu sa issa: CC05A Ġlieda kontra t-Terroriżmu, CC05D Etika u Integrità tal-Pulizija, CC06A Vjolenza Domestika, CC06B Ħasil tal-Flus, CC07A Immaniġġjar Ċivili ta' Kriżijiet, CC07B Traffikar ta' Droga.

CC05C dwar l-Europol u CC06C dwar it-THB se jittellgħu hekk kif ikunu ġew iffinalizzati u adottati; CC13A dwar il-Eurojust għandu jittella' f'Jannar.

Il-Manwal għall-Ħarrieġa SIRENE ġie aġġornat u se jitqassam mill-ġdid wara l-istampar mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fil-bidu tal-2015.

Riċerka u Xjenza

Żewġ ħarġiet ġodda tal-"European Science and Research Bulletin" (Bullettin tax-Xjenza u tar-Riċerka Ewropea) ġew żviluppati u ppubblikati fuq is-sit web u f'forma stampata (ħarġiet Nri 10 u 11).

L-għadd ta' esperti rreġistrati fil-bażi tad-*data* Lecturer, Trainer and Researcher (Lekċerer, Għalliem u Riċerkatur) tas-CEPOL żdied għal 293 sa tmiem is-sena 2014.

Il-Korrispondenti tar-Riċerka u x-Xjenza Nazzjonali ikkompletaw il-preżentazzjoni tagħhom tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali.

Is-CEPOL ipprovda aċċess lill-utenti tal-e-Net tas-CEPOL għall-kontenut ta' disa' ġurnali akkademiċi u professjonali tax-xjenza tal-pulizija evalwati bejn il-pari.

Programm Ewropew ta' Skambju tal-Pulizija

Il-Programm Ewropew ta' Skambju tal-Pulizija 2014 (EPEP) tas-CEPOL kien ikkaratterizzat minn sitt segmenti:

- Segment ġenerali għall-Uffiċċjali tal-Pulizija;
- Segment għall-kmandanti;
- Segment għall-ħarrieġa;
- Segment għar-riċerkaturi;
- Segment interaġenziji;
- Segment għall-PE u l-Balkani tal-Punent (ENP-WB).

Il-programm kien jinkludi suġġetti dderivati mill-prijoritajiet tal-Programm ta' Stokkolma, miċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE kif ukoll minn talbiet mill-Istati Membri. Iż-żjarat ta' skambju saru fuq bażi bilaterali, b'durata ta' 6 ijiem/5 iljieli.

B'kollox ħadu sehem 312-il (444) parteċipant mill-Istati Membri kollha tal-UE, il-Pajjiżi Kandidati, il-pajjiżi tal-PEV tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent, li qabżu l-mira annwali. Il-programm kellu baġit ta' ftit aktar minn EUR 355 000 (EUR 600 000) iffinanzjati mis-CEPOL u b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 85 % (95 %).

Feedback għadu qed jinġabar iżda bħalissa jindika rata ta' sodisfazzjoni ġenerali ta' madwar 91 % (98 %).

Network Elettroniku (e-Net)

Wara l-kwistjonijiet fl-2013, kien hemm ftit jew l-ebda interruzzjoni għas-servizz fl-2014. Fl-2014, tnedja l-proġett "Review and update of e-Net user Management" (Analiżi u aġġornament tal-Immaniġġjar tal-Utenti tal-e-Net), immirat lejn l-identifikazzjoni ta' kontijiet e-Net mhux użati u diżattivati għat-tħassir, it-titjib tal-fluss tar-reġistrazzjonijiet tal-e-Net u l-aġġornament tal-għodod tal-immaniġġjar tal-utenti għall-Maniġers tal-e-Net fl-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet sħab u fi ħdan il-Kulleġġ.

Matul l-2014, il-verżjoni tas-Sistema tal-Immaniġġjar tat-Tagħlim fuq l-e-Net għet aġġornata għal Moodle 2.7 li fiha jiġi indirizzat titjib tas-sigurtà. Din il-verżjoni tal-LMS jinkludi appoġġ fuq terminu twil, sa Mejju 2017, mill-Kwartieri Ġenerali ta' Moodle.

Tagħlim elettroniku

Fl-2014, in-navigazzjoni għal moduli online fuq is-Sistema tal-Immaniġġjar tat-Tagħlim ġodda ttejjbet b'interfaċċa grafika ġdida għall-utenti, li jagħmilha aktar faċli għall-utenti tal-e-Net li jsibu l-moduli jixtiequ jużaw.

Is-CEPOL appoġġa l-proġett Erasmus "E-Campus Policing Europe" immirat lejn l-iżvilupp u t-twassil ta' kompiti ta' tagħlim dwar kwistjonijiet ta' kooperazzjoni transkonfinali tal-pulizija. L-eżitu tal-proġett huwa modulu li jikkonsisti f'kompiti ta' tagħlim b'interfaċċa personalizzata għall-utenti u appoġġ online bħala kors dwar l-LMS tas-CEPOL, immirat lejn il-pulizija u l-edukaturi tal-infurzar tal-liġi. Dan il-modulu sar disponibbli għall-utenti rreġistrati kollha tal-e-Net f'Settembru.

Is-CEPOL appoġġa l-iżvilupp ta' tliet moduli online fi ħdan il-qafas tal-proġett ISEC "Developing e-Learning Modules on Cross-Border Police Cooperation Tools for Police Education" (Iżvilupp ta' Moduli tat-Tagħlim Elettroniku dwar Għodod għall-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-Pulizija għall-Edukazzjoni tal-Pulizija). Il-moduli tfasslu fuq is-suġġetti ta' Insewiment, Pattulji Mħallta u Skambju ta' Data u Informazzjoni. Sa issa 23 (19-il) modulu online huma disponibbli.

Aġġornamenti ta' tliet moduli online tas-CEPOL twettqu fl-2014: Ċiklu ta' Politika tal-UE għal Kriminalità Serja u Organizzata, Webinars għall-Edukaturi u appoġġ għal-LMS għall-attivitajiet residenzjali 2014 tas-CEPOL.

Fl-2014, total ta' 2 513-il (1 994) utent uniku żaru l-moduli ta' tagħlim online, 54 (31) webinar ġew implimentati u għalihom attendew 5 399 (3 562) parteċipant. Il-Pjattaforma tar-Riżorsi tal-Webinars saret dik li tattira l-aktar utenti fl-2014.

Fl-2014, 14-il pjattaforma għall-komunitajiet ta' prattika raw 2 588 (2 063) professjonist tal-istess fehma f'oqsma differenti tal-pulizija u tal-edukazzjoni tal-pulizija jaqsmu u jibnu fuq l-għarfien u l-kompetenzi ta' xulxin.

IT-TWEGĪBA TAL-KULLEĠĠ

11. Il-Kulleġġ ħa nota tal-kummenti tal-Qorti. Il-miżuri introdotti mis-CEPOL fis-snin riċenti wasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-ammont ta' riporti u fondi kkanċellati. Aħna nimpnejaw ruġna biex inkomplu nżidu u nżommu l-konformità mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità previst fir-Regolament Finanzjarju.
